MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 97/2006/1

**Adrian Vella De Lucca**

**vs**

**E.F.W. Ltd. (C25260)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

"Illi huwa jikri minghand is-socjeta ntimata l-fond maghruf bhala Captain Morgan, sitwat fil-kumpless formalment bhala Moonglow House, fi Triq il-Pjunieri, Bugibba bil-kera ta' tmien liri kuljum (Lm8) pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza li jmiss hija fl-1 ta' Jannar 2007.

Illi b'ittra ufficjali tat-12 t'Ottubru 2006 numru 3309/2006 – hawn esebita u mmarkata bhala Dok A – s-socjeta

ntimata interpellata sabiex mill-iskadenza li jmiss fuq imsemmija , l-kera attawali tizdied ghal sittax-il lira Maltin (Lm16) kuljum.

Illi r-rikorrenti jopponi ruhu ghall-awment tal-kera mitlub stante li l-kera attwali li huwa jhallas gia taccedi l-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni kif stipulat fl-artikolu 4(1)(b) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jichad it-talbiet tas-socjeta intimata kif dedotti fl-ittra ufficjali fuq imsemmija.

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Ra wkoll ir-risposta tas-socjeta’ intimata:

“Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti.

1. Illi preliminarjamant it-talba tar-rikorrenti hija nulla u bla effett u ghandha tigi michuda stante li mhux minnu li s-socjeta’ ntimata nnotifikat lir-rikorrenti b’ittra datata 12 t’Ottubru 2004 kif allegat.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-Socjeta’ intimata talbet lir-rikorrenti permezz ta’ ittra datata 12 t’Ottubru 2006 sabiex jibda jhallas l-kera ta’ sittax-il lira Maltain (Lm16) kuljum, liema kera s-socjeta’ intimata thiss illi hija gusta u reali ai termini tal-ligi anke in vizta ta’ l-avvjament li r-rikorrenti jiggesstixxi fl-istess fond.

3. Ghaldaqstant in vizta ta’ suespost s-socjeta’ ntimata titlob li l-ammont tal-kera indikat fl-ittra ufficjali u cioe’ dik ta’ sittax-il lira Maltin (Lm16) kuljum tigi kkonfermata b’effett immedjat mill-1 ta’ Jannar 2007.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Semgha lill-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-intimati fuq in-nullita' tar-rikors, wara li r-rikorrenti ghamel il-korrezzjoni mehtiega, l-atti kienu debitament sanati u ghalhekk il-Bord qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni;

Illi fil-mertu, stante li din il-materja kienet tirrikjeda assistenza teknika, l-Bord assenja liz-zewg membri tieghu, il-Perit AIC Joseph Briffa u l-Perit AIC Anthony Fenech Vella li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz;

Illi z-zewg membri teknici jikkonkludu ir-rapport taghhom bil-mod segwenti:

Ghalkemm il-membri teknici ihossu illi l-valur tal-fond biz-zieda ta'W.C. anness mal-ufficcju, xi ftit jew wisq zdied xi ftit, izda huma jhossu illi l-kera ta' Lm8 (tmien liri maltin kulljum) xorta jeccedi il-valur lokatizju tal-fond inwkistjoni skond l-Artikolu 4(1)(b) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi la darba l-membri teknici tal-Bord kienu unanimi fid-decizzjoni taghhom, il-Bord jaghmel tieghu l-istess konkluzzjonijiet u ghal dawn il-motivi jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi jichad it-talba ghall-awment kif pretiza fl-ittra ufficcjali tal-intimati tat-12 ta' Ottubru 2006.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------